**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 390/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Hussein Aldghim**

**Illum 12 ta' Dicembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Hussein Aldghim** detenur tan-numru tal-pulizija 36421, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn il-ħmistax (15) ta' Marzu u t-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 9, Triq C. De Brocktorff. Msida u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa residenza, ghad-dannu ta' Thomas Restall, persuna anzjana uljew ta' xi persunai ohra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

Bejn il-wiched u għoxrin (21) ta' Marzu u l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 8, Triq C. De Brocktorff. Msida u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa residenza, għad-dannu ta Bogdan Gradinaru u/jew ta xi persunali ohra u/jew ta xi entita jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil valur li jeċċedi 1-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin centeżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgha u tletin centeżmu (€2329.37).

Bejn is-sittax (16) ta' April u l-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa St Anthony, Block C. Flat 6. Triq C. De Brocktorff, Msida u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti oħra minn gewwa residenza, għad-dannu ta' Christian Robert Broughton. Valentina Ruiz Arango u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew ta' xi entita jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeććedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin centeèmu r€232.94) iżda li ma ječčedix l-elfejn tlett mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2320.37)

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, għamel ħsara jew gharraq ħwejjeg haddichor, mobbli jew immobbli, a cioe' lock ta' bieb ta' gallarija għad-dannu ta Christian Robert Broughton, Valentina Ruiz Arango u/jew ta' xi persunali oħra a/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra. liema ammont ma jiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€230);

Għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) tal-wiched u għoxrin (21) ta' April u s-siegħa ta' filgħodu (01:00 hrs) tat-tnejn u għoxrin (22) ta 'April tas sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Imperia Court. Flat". Triq Gerry Zammit, Gżira u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer;

5. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oggetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill volontà tiegħu, għad-dannu ta' Andrea Kis u/jew xi persunai ohra u/jew taxi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil hin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro a erbgħa u disghin centeżmu (€232 94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn ilett mija u disgħa u għoxrin euro u sehgħa u tletin centeżmu (€2329.37):

Fil-lejl ta bejn is-sitta u għoxrin (26) ta' April u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn erbgħa a ghoxrin (2024), ġewwa St. Matthew, Flat 9. Triq C. De Brocktorff. Msida u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

6. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa residenza, għad-dannu ta Paolo Bertazzoni. Chiara Rampoldi w/jew ta xi persunafi ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-mezz:

Għall-ħabta ta' bejn is-sebgha (19:00hrs) u l-għaxra (22:00hrs) ta filgħaxija tad disgħa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 51, Flat 15. Triq Giovanni Schranz, Msida wjew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

7. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn gewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex

ezegwit minhabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill volontà tiegħu, għad-dannu ta' Drew Daniel Hamilton u/jew xi persunali ohra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mez, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin centeżmu (€232.94) iżda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2329,37),

Ghall-ħabta ta bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-hdax (23:00hrs) ta' filgħaxija tad disgħa u għoxrin (29) ta April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa April Love, Flat 9. Triq C De Brocktorff. Msida u/jew fi bnadi ohra f'dawn il Gzejjer:

8. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oggetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekızzjoni ta' dan id-delin, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill volontà tiegħu, għad-dannu ta' Thomas Restall, persuna anzjana u jew ta' xi persuna/i ohra u/jew ta' xi entita jew entitajiet ohra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil- mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ćenteżmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2329.37);

Ghall-ħabta ta' bejn it-mienja (20:00hrs) u l-hdax (23:00hrs) ta' filgħaxija tal erbgħa (4) ta' Mejju tas- sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 49, St Matthew, Block B, Flat 6, Triq C. De Brocktorff, Msida u jew ji bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

9. Bil-ħsieb li jisraq flus kontanti u/jew oggetti oħra minn ġewwa residenza, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt. liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa accidentali u indipendenti mill volontà tiegħu, ghad-dannu ta' Burak Altuntas, Sena Deniz Halicioglu ujew ta' xi persunai ohra u jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa ikkwalifikat bil- lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur

li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Mejju,2024, fejn sabet lill-imputat Hussein Aldghim hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu ghall-perjodu ta' erba' snin u nofs prigunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ,

Ai termini ta' l-Artikolu 154 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta, il-Qorti ordnat lill-hati jirestitwixxi l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) lil Gradinaru Bogan, l-ammont ta' mitejn dollaru ($200) jew l-ekwivalenti tiegħu f'valuta legali f'Malta skond ir-rata tal-kambju uffiċċjali fid-data tal-ħlas effettiv lil Christian Robert Broughton, l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) lil Thomas Restall u l-ammont ta' mitejn ewro (€200) lil Chiara Rampoldi bhala kumpens għad-danni u l-ħsara magħmula minnu.

Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien tmien xhur mill-llum.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjeż konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ u għal dan il-ghan, il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jigu stabbiliti dawn l-ispejjeż.

Dan il-hlas għandu jsir fi żmien sena mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Generali jingħata access għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' access għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Hussein Aldghim preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Gunju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tbiddel u tvarja is-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onor. Qorti fil-23 ta' Mejju 2024 billi tigi lilu akkordata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

*Il-fatti tal-kaz huma riflessi fl-akkuzi dedotti kontra l-appellanti u fl-ammissjoni bikrija tieghu. Fatti ohra huma relatati mad-diskors li sehh fl-ewwel u unika debra ta' din il-kawza ossia illı s-sentenza relattiva tmur lil hinn minn dak mitkellem. miftihem u argumentat bejn il-partijiet flimkien mal-Ewwel Onor. Qorti.*

*Illi ghalkemm is-sentenza tal-Ewwel Onor Qorti hija strettament fil-parameteri tal-ligi ma tirriflettix il-fatti tal-kaz.*

*Illi fl-Ewwel u unika dehra quddiem l-Ewwel Onor Qorti l-prosekuzzjoni u d- difiza argumentaw mal-Qorti illi kien il-kaz li jkun hemm piena ta' sentenza ta' prigunerija effettiva. Dan kien l-argument li primarjament wassal ghall- ammissjoni bikrija.*

*Kienet għalhekk b'sorpriza kbira illi l-Ewwel Onor. Qorti harget b'sentenza ta' prigunerija effetiva in oltre tal-qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-ditiza.*

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2024 l-partijiet irrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat**.

Illi dan hu appell minn ammissjoni li giet registrata quddiem l-ewwel Qorti fil-jum tal-prezentata u cioe fl-ewwel opportunita' tieghu. Jidher pero li kien hemm xi diskussjoni bejn il-partijiet x'tip ta' piena l-ewwel Qorti kienet ser taghti pero ghal xi raguni jew ohra donnha minn dak miktub fir-rikors tal-appell tal-appellant li kien hemm xi divergenza fil-piena minn dak miftiehem. Ghalhekk jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li ma jirrizultax x'kien il-ftehim li kien hemm jekk kien hemm u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tapprezza ghaliex fil-fatt l-appellant kien sorpriz bis-sentenza moghtija kif mistqarr minnu. Fis-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti nhar is-17 ta' Mejju 2024 jidher li Dr A Schembri li kienet qed tidher ghall-appellant quddiem l-ewwel Qorti ssuggeriet li l-piena ghandha tkun piena effettiva ta' prigunerija pero fil-minimu taghha u dan ghaliex l-appellant ikkopera mal-prosekuzzjoni. Dr Micallef Stafrace ziedet tghid li taqbel ma' din il-piena anke in vista tal-fedina penali netta tal-appellant u li kkopera mal-pulizija.

Fil-verbal tas-17 ta' Mejju 2024 meta giet trattata din il-kawza ma hemm l-ebda referenza ghal xi forma ta' qbil dwar x'tip ta' piena kellha tigi somministrata.

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha lanqas ma taghmel xi referenza ghal xi qbil li setgha kien hemm dwar il-piena fis-sens ta' patteggjament u ghalhekk forsi kien hemm xi malintiz bejn dak li sehh u dak li fehmu l-avukatu difensuri tal-appellant. L-ewwel Qorti tghid li hija hadet in konsiderazzjoniji l-fedina penali tal-appellant, in-natura serja tar-reati li taghhom huwa ddikjara li huwa hati kif ukoll il-fatt li l-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. Qiset ukoll li r-raba akkuza hija inkorporata fit-tielet akkuza. Tat widen ghal fatt ukoll li l-partijiet qablu dwar il-quantum tad-danni sofferiti mill-vittmi kif rapportat fis-sentenza taghha.

Din il-Qorti ghalhekk ma tista qatt taccetta li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet u l-Qorti dwar x'tip ta' piena kienet ser tinghata. Pattegjament ma jsirx billi l-avukati difensuri jissugerixxu piena u ghalhekk l-ewwel Qorti tkun marbuta bija.

Qabel ma saret l-ammenda fil-ligi u appuntu l-introduizzjoni tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, l-Qrati taghna kienu jirrikonoxxu dak hekk imsejjah patteggjament informali (ara per ezemplari is-sentenza **Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed** [1]– fost ohrajn). Illum il-gurnata hemm dan l-artikolu fil-ligi li jahseb ghal tali formalita' li biha l-Qorti tkun marbuta li terroga l-piena maqbula u b'hekk ikunu evitati s-sorprizi fil-piena li fil-passat taw lok ghall-appelli in rigward meta nghata piena aktar minn dak "maqbul". Din il-Qorti ghalhekk ma hiex ser tiehu in konsiderazzjoni li setgha kien hemm diskors fir-rigward tal-piena stante li dan ma sarx skond il-ligi.

Ghalhekk dan hu appell minn piena moghtija mill-ewwel Qorti wara li saret ammissjoni mill-appellant u li fil-fehma tieghu hija wahda kienet eccessiva konsiderando l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tieghu.

Issa jinghad l-ewwel nett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le.

M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[2]).

---

[1] Deciz nhar it-13 ta Frar 2012. Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[2] Deċiża nhar it-2 ta Dicembru 2005 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** [3], intqal is segwenti: -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. 15. F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.*

16. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [4]:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly*

[3] Deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[4] Deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

*excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that Page 8 of 12 the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case.*

*Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl appell superjuri **<u>Ir-</u>**

**Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**[5], din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall -każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** [6] fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti : 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi

[5] Deciza nhar il-15 ta' Diċembru 2005 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[6] Deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq piena.

S'intendi, jinghad li, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **<u>Butler</u>** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati u zgur li mhux fil-massimu taghhom. Bizzejjed jinghad li l-appellant hu akkuzat b'diversi reati li lkoll igibu piena ta' prigunerija.

Minn ezami tal-atti ma tantx hemm x'tista' tikkummenta l-Qorti stante li l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti sentenza minnufih wara li giet registrata l-ammissjoni. Pero jirrizulta li minkejja li hemm diversi vittmi kif imsemmija fl-ewwel sentenza hadd minnhom ma gie rimborsat tad-danni li sofra. Lanqas ma jirrrizulta li kien hemm xi forma ta' ftehim ta' kif l-appellant sejjer ihallas lura dawn l-istess danni kagunati minnu. Illi r-res furtiva ghada ma gietx ritornata. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex quddiemha xi prova li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li rat l-ewwel Qorti meta giet biex taghti is-sentenza.

Ghalhekk stante li c-cirkostanzi baqghu l-istess din il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandu ikun hemm tibdil fil-piena moghtija stante li din taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk qed tikkonfermaha fir-rigward taz-zmien ta' prigunerija effettiva imposta ta' erba' snin u nofs prigunerija.

Qeda ukoll tikkonfermaha fir-rigward ta l-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali fejn ordnat lill-appellant jirristitwixxi l-ammont ta' €450 lil Gradianro Bogan, l-ammont ta' $200 jew l-ekwivalenti skond ir rata tal-kambju ufficjali tad-data tal-hlas effettiv lil Christian Robert Broughton, l-ammont ta' €150 lil Thomas Restall u l-ammont ta' €200 lil Chiara Rampoldi bhala kumpens tad-danni u l-hsara kagunata minn l-appellant. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sena mill-lum.

Qeda pero **tirrevoka** dik l-ordni moghtija minn l-ewwel Qorti li tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-inkjesti li nzammu in konnessjoni ma' dawn il-proceduri stante li l-atti ta' dawn il-proceduri ma gewx esebiti fil-process u ghalhekk ma jistax ikun hemm kundanna taghhom .

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**